MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 666/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**MATTHEW LUKE DEMICOLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matthew Luke Demicoli, bin Mario Joseph u Susan nee' Field, mwieled Pieta' nhar it- 13 ta' Gunju 1985, residenti fil- fond Flat 6 Summer Flats, Triq is- Sibbien, M'Scala u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 328585(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fil- 21 ta' Gunju 2009, ghal habta ta' bejn is-13.00hrs u 14.45hrs, gewwa Sqaq San Lawrenz Xghajra, kif ukoll gewwa Triq San Leonardu Xghajra, volontarjament hebb ghal persuna ta' Mario Joseph Demicoli u kkagunalu feriti ta' natura gravissima li qieghed il- hajja tal- imsemmi Mario Joseph Demicoli fil-periklu car u li hija vjolenza domestika;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal- ghamla Peugeot 306 bin- numru tar-registrazzjoni JXR 306 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila, fl-arti jew fil- professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta regolamenti ikkaguna jew ghamel hsara fuq vettura AAL 206 tal- ghamla Ford Fiesta;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu arma li taqta' u bil- ponta u cioe sikkina minghajr il- permess tal- Kummissarju tal-Pulizija;

5) u atkar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

6) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D datata 8 ta' Jannar 2008, liema sentenzi saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat illi, apparti l-ammissjoni tal-imputat, fl-atti giet registrata ukoll ir-rinunzja da part ital-vittma tal-incident, u cioe' missier l-istess imputat. In vista tal-ammissjoni, il-Qorti qieghedha ssib lill-imputat hati, izda ghall-finijiet ta' piena, ir-rinunzja tal-azzjoni kriminali – ghalkemm proceduralment l-azzjoni kriminali ma hix rinunzjabbli f' dan il-kaz – ser tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti. Irrizulta f'dan il-kaz li kien hemm diverbju jahraq bejn l-imputat u missieru u t-tnejn gew fl-idejn, bil-missier isofri ferita gravi li llum fieq minnha kwazi ghal kollox. Illum il-partijiet huma pjenament rikonciljati, u dan il-Qorti setghet tivverifikah hi stess mix-xhieda prodotta. Inoltre l-Qorti semghet ukoll l-Ufficjal tal-Probation tal-imputat, li nfurmat lill-Qorti li l-imputat kien sejjer tajjeb hafna u qed joqghod ghall-istruzzjonijiet moghtija lilu, u lib l-imgieba tieghu ma jimmeritax sentenza ta' prigunerija. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u bhala piena taghti provvediment taht il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 216, 218, 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 5 u 15 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tapplika l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------